**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 262/2019**

**Illum: 2 ta' Mejju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**vs**

**Amer Kasam**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat Amer Kasam ta' 32 sena, iben Khalaf u Amina nee' Hamdi, imwieled is-Sirja nhar l-1 ta' Marzu, 1987, residenti ġewwa 298, Flat 4, Hampton Place, Triq Franġisk Xerri, Birkirkara u mingħajr dokumenti ta' identifikazzjoni;

Akkużat talli nhar l-1 ta' Mejju, 2019 kif ukoll matul il-jiem ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:

B'qerq għamel, biddel jew iffalsifika xi flus jew qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni xi flus falsifikati li kien jaf li huma falsifikati (Artikolu 188B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba li f`każ ta` ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjoni.

Għal fini ta' piena, il-Qorti qed tqis mill-banda l-waħda n-natura tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat u mill-banda l-oħra l-fedina penali tiegħu li hi waħda netta, kif ukoll illi kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha. Qieset ukoll illi l-partijiet iddikjaraw illi mill-investigazzjoni tal-pulizija rriżulta li għandhom japplikaw iċ-ċirkostanzi msemmija fil-proviso tal-Artiklu 188B(1) tal-Kap. 9 u li għaldaqstant għandha tapplika l-piena msemmija fl-istess proviso. In oltre, il-Prosekuzzjoni mhijiex tinsisti dwar piena ta' priġunerija effettiva.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 188A u 188B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll il-proviso tal-istess Artikolu 188B(1), fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tiġi sospiża għal żmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Ai termini tal-Artikolu 188F tal-Kapitolu 9, tordna illi l-flus esebiti bħala Dok JX jiġu kkonsenjati lill-Bank Ċentrali għall-għan imsemmi fl-istess artikolu.

Stante li ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna li ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9, l-atti flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mill-liġi.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat